Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Att tal-Akkuza Nru. 8/2020

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Ferdinando Rubino

Illum 9 ta' Dicembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza numru 8 tas-sena 2020 migjuba fil-konfront ta' Ferdinando Rubino detentur tal-karta tal-identita' Taljana numru AO056240, fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta:

Illi fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fil-jiem ta' qabel, Ferdinando Rubino (minn hawn 'il quddiem f'dan l-Att ta' Akkuża msejjaħ "l-akkużat") iddeċieda li jassoċja ruħu ma' persuna jew persuni oħra sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw id-droga (ir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* u l-pjanta tal-*cannabis* kolha jew biċċa minnha) f'Malta.

Fil-fatt fiż-żminijiet hawn fuq imsemmija, l-akkużat Ferdinando Rubino, Alfio Strano u Claudio Di Bella (akkużati fi proċeduri separati), kienu qablu li bejniethom kellu jsir negozju tad-droga *cannabis*, u cioe' negozju ta' importazzjoni, tmexxija u traffikar ta' droga *cannabis* minn Sqallija għall-ġewwa Malta;

Illi għal dan il-għan huma flimkien fasslu pjan ta' kif id-droga *cannabis* kellha titlaq minn Sqallija u ssib ruħha fis-suq Malti. Il-pjan kien li l-*cannabis* tiġi moħbija ġewwa karozza, u l-akkużat flimkien ma Alfio Strano u Claudio Di Bella kellhom jaqbdu l-*catamaran* minn Pozzallo lejn Malta u jinżlu *overland* b'din il-vettura. B'hekk l-akkużat ftiehem u ppjana ma persuna jew persuni oħra mhux biss in-natura tad-droga li kellha tiġi trasporatata lejn Malta (*cannabis)* iżda wkoll il-mezz tat-trasport u r-rotta li permezz tagħhom din il-kunsinna tad-droga kella tasal f'Malta sabiex eventwalment tkun tista' tiġi mqassma u traffikata hawn Malta.

Illi in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub u pjanat minn qabel, d-droga *cannabis* ġiet moħbija f'kompartament ta' taħt il-*wipers* tal-karozza tat-tip Fiat bin-numru ta' reġistrazzjoni EF 920 MB. Imbagħad l-akkużat Ferdinando Rubino flimkien ma Alfio Strano u Claudio Di Bella lkoll qabdu t-triq lejn Malta skond ir-rotta miftehma.

Illi b'xorti tajba, il-Pulizija Maltija rċeviet informazzjoni dwar importazzjoni li kellha ssir fi xtutna ta' sustanza illeċita. Illi għaldaqstant bejn it-tletin (30) ta' April u l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) saret operazzjoni tal-iSkwadra ta' kontra d-droga, bl-iskop li tigi ntercettata din id-droga. Illi effetivament irriżulta li fil-ħinijiet bikrija ta' filgħodu tal-ewwel (1) ta' Mejju, fuq il-katamaran tal-Virtu Ferries f'Malta wasal l-akkużat Ferdinando Rubino, li gie osservat jagħmel kuntatt ma' zewg persuni oħra li wkoll kienu qegħdin jivvjaġġaw fuq l-istess katamaran. Dawn il-persuni kienu Claudio Di Bella u Alfio Strano.

Illi diversi Uffiċċjali tal-Pulizija kienu qegħdin josservaw il-movimenti tal-akkużati u dawn setgħu jinnotaw li l-akkużat Ferdinando Rubino, kif ukoll Alfio Strano u Claudio Di Bella lkoll rikbu ġol-vettura tat-tip Fiat u saqu fid-direzzjoni ta' Paceville. Illi hemmhekk it-tliet persuni nfirdu u l-pulizija waqfet lil Ferdinando Rubino u għamlet tfitxxija fil-vettura tat-tip Fiat fil-post fejn kienet ġiet ipparkjata ġewwa *Paceville*. Illi stante li t-tfittxija fuq il-post ma tagħat l-ebda riżultati, il-Pulizija ddeċidiet li tieħu l-vettura ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għall-tfittxija aktar intensiva, minn liema tfittxija rriżulta li fil-kompartament ta' taħt il-*wipers* kien hemm moħbija seba' (7) pakketti kontenenti d-droga. Illi minn stħarriġ li sar wara minn espert maħtur mill-Qorti, irriżulta li dawn il-pakketti kienu jikkontjenu erbat elef tmien mija u tmien grammi (4808 grammi) ta' raża tal-*cannabis (cannabis resin)*, kif ukoll tmien mija u tletin grammi (830 grammi) tal-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha *(cannabis herb)*, b'total ta' **ħamest elef sitt mija u tmienja u tletin gramma (5638 grammi) *cannabis***. Illi l-prezz li din id-droga kienet iġġib fuq is-suq miftuħ kien ta' mija u ħmistax-il elf ewro u tliet mija u tnejn u disgħin ewro (€ 115,392) għal *cannabis resin* u għoxrin elf u seba' mija u ħamsin ewro (€ 20,750) għal *cannabis herb*, b'total ta' mija u sitta u tletin ewro u mija u tnejn u erbgħin ewro (€ 136,142).

Illi d-droga *cannabis* hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'għemilu, l-akkużat Ferdinando Rubino sar ħati talli assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta (ir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* u l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar il-fuq imsemmija f'dan l-att t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi Ferdinando Rubino, ħati talli fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fil-jiem ta' qabel din id-data, **assoċja ruħu** ma xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina f'Malta (raża tal-*cannabis* u l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha) kontra d-

disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Ferdinando Rubino, u li jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax–il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 7, 8(b)(e), 9, 10(1), 12, 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:

Illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi indikati fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' l-akkuża, u ċioè fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fil-jiem ta' qabel din id-data, l-akkużat Ferdinando Rubino iddeċieda li jimporta klandestinament f'Malta d-droga *Cannabis*, sabiex din tigi mibjugha u ttrafikata f'Malta.

Illi fil-fatt, in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel biex din id-droga tidaħħal f'Malta, il-*cannabis* ġiet moħbija ġewwa karozza tat-tip Fiat bin-numru ta' reġistrazzjoni EF 920 MB, u l-akkużat flimkien ma Alfio Strano u Claudio Di Bella qabdu l-*catamaran* minn Pozzallo lejn Malta u niżlu *overland* b'din il-vettura lejn Malta.

Illi meta l-*catamaran* trakka ġewwa l-*Valletta Sea Port* fil-ħinijiet bikrija ta' filgħodu tal-ewwel (1) ta' Mejju tas-seba elfejn u erbatax (2014), diversi Uffiċċjali tal-Pulizija kienu qegħdin josservaw il-movimenti tal-akkużati u dawn setgħu jinnotaw li l-akkużat Ferdinando Rubino, kif ukoll Alfio Strano u Ferdinando Rubino lkoll rikbu ġol-vettura tat-tip Fiat u saqu fid-direzzjoni ta' Paceville. Illi din il-vettura ġiet interċettata mill-Pulizija u wara tfitxxija ntensiva li saret fl-istess vettura, instabu l-pakketti bid-droga moħbija fil-kompartament ta' taħt il-*wipers.* Illi minn stħarriġ li sar wara minn espert maħtur mill-Qorti, irriżulta li dawn il-pakketti kienu jikkontjenu erbat elef tmien mija u tmien grammi (4808 grammi) ta' raża tal-*cannabis (cannabis resin)*, kif ukoll tmien mija u tletin grammi (830 grammi) tal-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha *(cannabis herb)*, b'total ta' **ħamest elef sitt mija u tmienja u tletin gramma (5638 grammi) *cannabis***. Illi l-prezz li din id-droga kienet iġġib fuq is-suq miftuħ kien ta' mija u ħmistax-il elf ewro u tliet mija u tnejn u disgħin ewro (€ 115,392) għal *cannabis resin* u għoxrin elf u seba' mija u ħamsin ewro (€ 20,750) għal

*cannabis herb*, b'total ta' mija u sitta u tletin ewro u mija u tnejn u erbgħin ewro (€ 136,142). Illi li kieku ma kienx għall-intervent f'waqtu tal-Uffiċċjali tal-Pulizija, din id-droga kienet tispiċċa fis-suq Malti.

Illi d-droga *cannabis* hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-akkużat Ferdinando Rubino ma kellu ebda permess jew awtorizazzjoni skond il-liġi sabiex ikun jista' jimporta din is-sustanza.

Illi b'għemilu, l-akkużat Ferdinando Rubino sar ħati talli mporta, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (raża tal-*cannabis* u l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi Ferdinando Rubino ħati talli fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fil-jiem ta' qabel, **importa**, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (raża tal-*cannabis* u l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruga taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Ferdinando Rubino, u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax–il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) kull wieħed, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 7, 8(a)(d)(e), 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ipremetta:

Illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi indikati fl-ewwel u fit-tieni kapi ta' dan l-att ta' l-akkuża, u ċioè fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fil-jiem ta' qabel din id-data, l-akkużat Ferdinando Rubino kellu fil-pussess xjenti tiegħu kwantità kbira tal-pjanta *cannabis*.

Illi hekk kif narrat fil-paragrafi preċedenti, mal-wasla tiegħu Malta, il-vettura misjuqa mill-akkużat ġiet interċettata mill-Pulizija u wara tfitxxija ntensiva li saret fl-istess vettura, instabu l-pakketti bid-droga moħbija fil-kompartament ta' taħt il-*wipers.* Illi minn stħarriġ li sar wara minn espert maħtur mill-Qorti, irriżulta li dawn il-pakketti kienu jikkontjenu tmien mija u tletin grammi (**830 grammi) tal-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha *(cannabis herb)*** u dan *oltre* r-raża tal-*cannabis.* Illi l-prezz li din id-droga kienet iġġib fuq is-suq miftuħ kien ta' għoxrin elf u seba' mija u ħamsin ewro (€ 20,750) għal *cannabis herb.* Din id-droga ma kienetx intiża minn Ferdinando Rubino sabiex jużaha jew jikkonsmaha hu personalment.

Illi d-droga *cannabis* hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-akkużat ma kienx awtorizzat jew b'xi mod ieħor liċenzjat b'xi liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Ferdinando Rubino sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi Ferdinando Rubino, ħati talli fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fil-jiem ta' qabel, **kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis*** kollha jew biċċa minnha u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar **taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkuzat Ferdinando Rubino u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u r-regoli 2, 4, 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ipremetta:

Illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi indikati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' l-akkuża, u ċioè fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fil-jiem ta' qabel din id-data, l-akkużat Ferdinando Rubino kellu fil-pussess xjenti tiegħu kwantità kbira tar-raża tal-*cannabis*.

Illi hekk kif narrat fil-paragrafi preċedenti, mal-wasla tiegħu Malta, il-vettura misjuqa mill-akkużat ġiet interċettata mill-Pulizija u wara tfitxxija ntensiva li saret fl-istess vettura, instabu l-pakketti bid-droga moħbija fil-kompartament ta' taħt il-*wipers.* Illi minn stħarriġ li sar wara minn espert maħtur mill-Qorti, irriżulta li dawn il-pakketti kienu jikkontjenu erbat elef tmien mija u tmien grammi (**4808 grammi) ta' raża tal-*cannabis*** *(cannabis resin)* u dan *oltre* l-pjanta cannabis. Illi l-prezz li din id-droga kienet iġġib fuq is-suq miftuħ kien ta' mija u ħmistax-il elf ewro u tliet mija u tnejn u disgħin ewro (€ 115,392) għal *cannabis resin.* Din id-droga ma kienetx intiża minn Ferdinando Rubino sabiex jużaha jew jikkonsmaha hu personalment.

Illi d-droga *cannabis* hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-akkużat ma kienx awtorizzat jew b'xi mod ieħor liċenzjat b'xi liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Ferdinando Rubino sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa

u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi Ferdinando Rubino, ħati talli fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fil-jiem ta' qabel, kellu fil-**pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis*** jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar **taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Ferdinando Rubino u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u r-regoli 2, 4, 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat illi fid-19 ta' Ottubru, 2020 l-akkuzat Ferdinando Rubino eccepixxa s-segwenti:

*'i. Illi l-Att ta' Akkuza ghandha tigi riformata billi hija nieqsa minn fatti fin-narrativa li huma essenzjali u necessarji ai finijiet ta' gustizzja ossia illi skond kif dikjarat minn Alfio Strano u Claudio di Bella l-akkuzat ma' kellu ebda ftehim mieghu. Din id-dikjarazzjoni hija kif inghad essenzjali u ghaldaqstant dan in-nuqqas jaghmel l-Att ta' Akkuza annullabbli.*

*ii. Illi bl-istess mod l-Att ta' Akkuza ma taghti ebda taghrif dwar is-sitwazzjoni prezenti ta' Alfio Strano u Claudio di Bella liema informazzjoni ghandha ab initio tkun fil-pussess tal-gurati u dan in-nuqqas jekk jibqa jaghmel l-Att ta' Akkuza annullabbli.'*

Rat illi l-Avukat Generali permezz ta' rikors datat it- 23 ta' Ottubru, 2020 talab li din il-Qorti *ai termini* tal-artikolu 438(4) tal-Kodici Kriminali tordna lill-akkuzat jiddikjara dak li jrid jigi ppruvat minnu bil-mezz tax-xhieda ndikati minnu.

L-akkuzat **Ferdinando Rubino** fin-nota tas- 27 ta' Ottubru, 2020 in kwantu Alfio Strano spjega li dan huwa xhud li jissemma fl-atti tal-inkjesta izda ma jissemmiex bhala xhud mill-Prosekuzzjoni. Billi kien prezenti meta sar l-arrest tal-akkuzat, huwa naturalment necessarju li jixhed biex jghid x'gara.

Rat illi l-Avukat Generali permezz ta' nota datata t- 23 ta' Ottubru, 2020 iddikjara *ai fini* tal-artikolu 438(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li Alfio Strano li gie indikat bhala xhud in difesa ma huwiex xhud ammissibbli f'dan l-istadju u dan stante li Alfio Strano jinsab akkuzat bl-istess reati li bihom Ferdinando Rubino jinsab akkuzat f'dawn il-proceduri. Illi ghaldaqstant Alfio Strano ma huwiex xhud ammissibbli la favur u lanqas kontra Ferdinando Rubino sakemm il-kaz tieghu ma jkunx gie definitivament deciz billi jghaddi in gudikat.

Rat illi l-akkuzat Ferdinando Rubino permezz ta' nota datata s- 27 ta' Ottubru, 2020 issottometta li:

*'i. Fl-ewwel lok mill-Att ta' DIN il-kawza mkien ma jirrizulta li Alfio Strano kien jew ma kienx partecipi fi delitt flimkien mal-imputat illi sallum ghadu innocenti.*
*ii. Illi x-xhieda ta' Alfio Strano hija necessarja billi mill-Atti jirrizulta li x-xhieda tieghu hija tali li tista teskulpa kompletament lill-akkuzat.*
*iii. Illi jixhidx jew ma jixhidx Alfio Strano fl-ahhar mill-ahhar ghandha kun decizjoni tieghu fis-sens illi hija decizjoni tieghu hux x'ser jinkrimina ruhu b'dak li x'ser jghid.*

*iv. Illi dak li qal Alfio Strano gja jifforma parti mill-Atti tal-kumpilazzjoni u bhala tali ser ikun a disposizzjoni tal-gurati.'*

Illi fis-seduta tas- 17 ta' Novembru,2020 quddiem din il-Qorti gew trattati l-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat. Il-partijiet qablu li l-Qorti ghandha taghti sentenza preliminari dwar jekk ix-xhud Alfio Strano huwiex xhud ammissibbli u ghalhekk ghandux jigi permess li jigi indikat bhala xhud tad-difiza fil-lista tax-xhieda taghha. Fit-tieni lok hekk l-att tal-akkuza kif formulata hix wahda nulla jew jekk taqax fil-parametri tal-**artikolu 589 tal-Kap 9.**

Illi din il-Qorti ghalhekk sejra tibda biex l-ewwel tqis l-eccezzjonijiet preliminari mressqa mill-akkuzat.

Ikkunsidrat;

L-ewwel eccezzjoni preliminari taqra li '*l-Att ta' Akkuza ghandha tigi riformata billi hija nieqsa minn fatti fin-narrativa li huma essenzjali u necessarji ai finijiet ta' gustizzja ossia li skond kif dikjarat minn Alfio Strano u Claudio di Bella l-akkuzat ma' kellu ebda ftehim mieghu. Din id-dikjarazzjoni hija kif inghad essenzjali u ghaldaqstant dan in-nuqqas jaghmel l-Att tal-Akkuza annullabbli.'*

Ghalhekk jehtieg li fl-ewwel lok din il-Qorti tqis dak li Att ta' Akkuza ghandha tinkludi. F'dan ir-rigward, l-**artikolu 589 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu -*

*(a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;*

*(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;*

*(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena;u*

*(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi (hawn jingħad l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat) jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta v. Erin Tanti'**[1], il-Qorti Kriminali qieset li:

*'Illi fl-ewwel eccezzjoni l-akkuzat qed jilmenta zewg punti. Fl-ewwel lok li n-narrativa fl-att ta' akkuza hi wahda drammatika, anzi drammatizzata zzejjed, u fit-tieni lok f'parti partikolari tan-narrativa hemm inezatezza li tohrog mill-atti tal-kumpilazzjoni. Flimkien dawn igibu n- nullita' ta' l-att ta' akkuza. Hu stabbilit li n-narrazzjoni tal-fatti kif spjegati mill-Avukat Generali fl-att ta' akkuza ma jorbtu b'ebda mod lill-gurati. Dan hu kuncett li l-imhallef fil-bidu tal-guri u matul il-kors kollu ta' l-istess ser jenfazizza lill-gurati. Ghalhekk, dan il-punt zgur li f'ebda hin ma jista' jgib in-nullita' ta' l-att ta' akkuza. Dwar it-tieni punt, l-akkuzat ghandu ragun fejn jinghad li Lisa Maria Zahra ma kkonsmat ebda alkohol. Dan il-fatt johrog mill-ezami tossikologiku u ghalhekk il-partijiet fejn hu ndikat li l-vittma kkonsmat l-alkohol ghandu jigi sfilzat mill-att ta' akkuza li ser jinghata lill-gurati billi dan il-fatt mhux minnu.'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali[2] kienet qieset li:

*'11. Fuq kollox, kif tajjeb irrilevat l-Ewwel Qorti, dawk il-fatti li l-Avukat Generali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-att ta' l- akkuza bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjah biex jiggudika u l-gurija popolari dejjem tigi imwissija f'dan is-sens mill-imhallef togat, kif hekk ghandu isir ukoll f'dan il-kaz. Lanqas ma jista' l-appellant jallega illi b'tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Generali jista' jigi ippregudikat il-jedd tieghu ghal smigh xieraq gjaldarba huwa sejjer ighaddi process gudizzjarju fejn il-Prosekuzzjoni ghandha tressaq il-provi in sostenn ta' l-akkuzi minnha ipprospettati fl-Att ta'*

[1] Deciza mill-Qorti Kriminali fl-20 ta' Lulju, 2017 (Att ta' Akkuza numru: 6/2016)
[2] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta v. Erin Tanti' deciza fid-9 ta' April 2018 (Att ta' Akkuza numru: 06/2016)

*l- Akkuza, bid-dritt ta'l-akkuzat li iressaq difiza xierqa u adegwata fejn ikollu kull opportunita` jipprova ixejjen il-provi hekk migjuba 'il quddiem. Ghal dawn il- motivi dan l-ewwel aggravvju qed jigi michud billi ma jirrizutax illi l-Avukat Generali mar kontra id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali f'liema cirkostanza biss allura setghet tirrizulta in-nullita` ta' l-Att ta' l-Akkuza.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Angelo Bilocca u Priscilla Cassar</u>**'[3] gie meqjus li:

'**32**. *Illi ghalkemm l-appellanti taqbel mar-ragunament li sar mill-Ewwel Qorti meta din ikkonkludiet illi fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet il-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu tal-fatti tal-kaz sabiex jigu determinati l- eccezzjonijiet, kif ukoll li l-fatti kif narrati fl-att ta` l-akkuza ma jikkostitwixxu l-ebda prova kontra l-persuna akkuzata, madanakollu xortawahda kienet tal-fehma illi l- Avukat Generali meta gie biex jislet mill-atti kumpilatorji l-fatti li fuqhom imbaghad sejjes l-att ta` l-akkuza, enkapsolata fl-Ewwel Kap, holoq storja ibbazata biss fuq kongetturi u mhux fuq il-provi kompilati. Jishaq illi ghalkemm fil-parti narrattiva tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali jikkontendi illi l-appellanti Cassar kienet ftiehmet ma' terzi persuni sabiex tibda timporta u tittraffika d-droga kokajina, dan il-fatt ma johrogx mill- provi li ingabru matul l-Istruttorja.*

**33**. *Huwa ben risaput u kemm–il darba kien riaffermat fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi l-ligi thalli fid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Generali kif ifassal l-Att ta' l-Akkuza u l-kapi rispettivi kontenenti l-akkuzi imressqa fil-konfront tal-persuna akkuzata. (...)*'

Fl-istess sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta v. Angelo Bilocca u Priscilla</u>**

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-16 ta' Ottubru, 2019 (Att ta' akkuza numru: 07/2015)

**Cassar'**[4] gie kkunsidrat ukoll li:

*'**34**. Illi allura dawk il-fatti li l-Avukat Generali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-Att ta' l-Akkuza bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjah biex jiggudika, u l-gurija popolari dejjem tigi imwissija f'dan is-sens mill-Imhallef togat. Lanqas ma tista' l-appellanti tallega illi b' tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Generali jista' jigi ippregudikat il-jedd taghha ghal smigh xieraq ladarba hija ser tghaddi process gudizzjarju fejn il-Prosekuzzjoni ghandha tressaq il-provi li jsostnu l-akkuzi kif dedotti fl-Att ta' l-Akkuza, bid-dritt ta' l-akkuzata li tressaq difiza xierqa u adegwata fejn ikollha kull opportunita` tipprova ixejjen il-provi li ggib il-Prosekuzzjoni.'*

L-akkuzat Ferdinando Rubino qieghed jilmenta li l-att ta' akkuza hija nieqsa fin-narrativa li huma essenzjali u necessarji *ai finijiet* ta' gustizzja ossia li skond kif dikjarat minn Alfio Strano u Claudio di Bella l-akkuzat ma' kellu ebda ftehim mieghu. Din il-Qorti temfasizza li dak li l-Avukat General inizzel fin-narrativa tal-Att tal-Akkuza <u>ma jorbotx lil min hu imsejjah biex jiggudika u l-gurija popolari dejjem tigi imwissija f'dan is-sens mill-Imhallef togat</u>. Il-Prosekuzzjoni immexxija mill-Avukat Generali ikollha l-opportunita' li tressaq provi sabiex tissostanzja dak imnizzel fl-Att ta' Akkuza. Id-difiza ukoll ikollha l-opportunita' li tressaq il-provi taghha u ghalhekk anke jekk xi fatt ma jkunx gie mnizzel mill-Avukat Generali fin-narrattiva tal-Att ta' Akkuza, min jissejjah biex jiggudika ikollu quddiemu l-provi kollha u ghalhekk certament li ma jistriehx fuq dak imnizzel fin-narrattiva tal-Att ta' Akkuza. Ghalhekk minghajr ma din il-Qorti tqis jekk huwa minnu dak li jissottometti l-akkuzat u cioe' jekk verament Alfio Strano u Claudio di Bella iddikjarawx li l-akkuzat ma kellu l-ebda ftehim mieghu, tikkonkludi li l-Avukat Generali ghandu d-diskrezzjoni biex jaghzel dak li jnizzel fl-Att ta' Akkuza fil-parametri tal-Kodici Kriminali u ghalhekk jekk xi fatt ma jitnizzilx fin-narrattiva, dan ma jammontax ghan-nullita' tal-Att ta' Akkuza. In oltre' b'zieda ma dan, din il-Qorti tikkunsidra ukoll li kif sejra tqis aktar il'quddiem f'din is-sentenza sal-lum il-

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-16 ta' Ottubru, 2019 (Att ta' Akkuza numru: 07/2015)

gurnata Alfio Strano ma huwiex xhud ammissibbli u ghalhekk f'dan l-istadju lanqas setghet issir referenza ghal dak li setgha stqar dan ix-xhud.

In vista li ma jirrizultax li l-Avukat Generali mar kontra d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 589 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att tal-Akkuza **ma hijiex nulla u lanqas ma tirrizulta l-htiega li l-Att ta' Akkuza tigi riformata.**

L-ewwel eccezzjoni imressqa mill-akkuzat qieghda ghalhekk tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni taqra li '*bl-istess mod l-Att ta' Akkuza ma taghti ebda taghrif dwar is-sitwazzjoni prezenti ta' Alfio Strano u Claudio di Bella, liema informazzjoni ghandha ab initio tkun fil-pussess tal-gurati u dan in-nuqqas jekk jibqa jaghmel l-Att tal-Akkuza annullabbli.*'

Din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni ghandha wkoll tigi michuda u dan stante li kif inghad anke dwar l-ewwel eccezzjoni imressqa mill-akkuzat, l-Avukat Generali fl-Att ta' Akkuza huwa obbligat li jnizzel dak indikat fl-artikolu 589 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk fin-narrattiva ghandu d-diskrezzjoni biex jaghzel xi jnizzel. Ghalhekk l-Avukat Generali ma kienx obbligat li jnizzel dettalji dwar is-sitwzzjoni prezenti ta' Alfio Strano u Claudio di Bella.

Ghalhekk it-tieni (2) eccezzjoni imressqa mill-akkuzat qieghda wkoll tigi michuda. Jirrizulta li l-att ta' akkuza kif formulata tirrispetta dak provdut fl-artikolu 589 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma hijiex nulla.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti giet mitluba tistharreg jekk ix-xhud in difesa indikat mill-akkuzat u cioe' Alfio Strano li jinsab akkuzat bl-istess reati li bihom Ferdinando Rubino jinsab akkuzat f'dawn il-proceduri huwiex xhud ammissibbli. Skont l-Avukat Generali Alfio Strano ma huwiex xhud ammissibbli la favur u lanqas kontra Ferdinando

Rubino sakemm il-kaz tieghu ma jkunx gie definitivament deciz billi jghaddi in gudikat. Minn naha l-ohra l-akkuzat jissottometti li mill-atti ta' din il-kawza mkien ma jirrizulta li Alfio Strano kien jew ma kienx partecipi fid-delitt flimkien mal-imputat illi sallum ghadu innocenti. Jissottometti li x-xhieda ta' Alfio Strano hija necessarja billi mill-atti ghandu jirrizulta li x-xhieda tieghu hija tali li tista teskulpa kompletament lill-akkuzat. Jissottometti li jixhidx jew ma jixhidx Alfio Strano ghandha tkun decizjoni tieghu fis-sens li hija decizjoni tieghu hux ser jinkrima ruhu b'dak li ser jghid u li dak li qal Alfio Strano gja jifforma parti mill-atti tal-kumpilazzjoni u bhala tali ser ikun a disposizzjoni tal-gurati.

Mill-atti jirrizulta li L-akkuzat Ferdinando Rubino tressaq flimkien ma' Alfio Strano bhala ko-akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Jirrizulta izda li mis-seduta tad- 19 ta' Settembru, 2017 l-imputat Alfio Strano ma deherx aktar ghas-seduti u fejn f'dik is-seduta il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja kienet giet infurmata li l-imputat Strano jinsab arrestat l-Italja. Huwa baqa' ma deherx ghas-seduti sussegwenti. Fis-seduta tas- 6 ta' Marzu, 2018 gie verbalizzat li l-Prosekuzzjoni infurmat lil Qorti li ghad ma hemm xejn konkret da parti tal-Awtoritajiet Taljana jekk hux fil-hsieb taghhom li jibghatu lill-imputat Strano sabiex ikunu jistghu jissoktaw il-proceduri odjerni. Fis-seduta tal-4 ta' Ottubru,2018 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, il-prosekuzzjoni infurmat lil Qorti li l-imputat Strano ghadu ma jistax jigi rintraccat. Filwaqt li fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2018 il-Prosekuzzjoni informat lil Qorti li ma ghandhiex informazzjoni ohra dwar l-imputat Alfio Strano u jekk hux ser jirritorna lura Malta. Fis-seduta tas- 7 ta' Marzu, 2019 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja gie prezentat l-European Arrest Warrant fil-konfront ta' Strano Alfio.

Kien fit- 22 ta' Mejju, 2019 li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja ordnat li ssir is-separazzjoni tal-Gudizzju fil-konfront taz-zewg imputati.

L-Avukat Generali qieghed jissottometti li Alfio Strano ma huwiex xhud ammissibli la favur u lanqas kontra Ferdinando Rubino sakemm il-kaz tieghu ma jkunx gie definittivament deciz billi jghaddi in gudikat. Kif jirrizulta mill-atti ghalkemm Alfio Strano tressaq flimkien ma' Ferdinando Rubino akkuzati bl-istess reati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, jirrizulta mill-atti li in segwitu tal-hrug ta' European Arrest Warrant fil-konfront ta' Alfio Strano, il-Qorti kienet ordnat is-separazzjoni tal-Gudizzju fil-konfront tal-akkuzati. Din il-Qorti tifhem li kienet ghal din ir-raguni li l-Avukat Generali hareg l-Att ta' Akkuza fil-konfront ta' Ferdinando Rubino wahdu.

In kwantu l-ammissibilita' o meno ta' dan ix-xhud, din il-Qorti taghmel referenza ghall-**artikolu 636(b) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

'*636. Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba -*'

'*(b) li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunità sabiex hekk ikun jista' jixhed;*'

Il-Qrati fil-gurisprudenza qisu li *a contrario sensu*, din id-disposizzjoni tfisser li x-xhieda ta' ko-akkuzat jew komplici ma hijiex xhieda ammissibbli sakemm il-kaz tal-ko-akkuzat jew komplici ma jghaddix in gudikat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta v. Angelo Bilocca u Priscilla Cassar'**[5] gie kkunsidrat ukoll li:

***'64***. *Dak li l-appellanti qeghda tistieden lill-Avukat Generali biex jaghmel, u allura qeghda titlob lil din il-Qorti tidderigi lill-Avukat Generali f'dan is- sens, huwa li tintalab is-separazzjoni tal-gudizzju sabiex ladarba l-kaz kontra Angelo Bilocca jkun ghadda in gudikat huwa jsir xhud kompetenti fil-process penali istitwit kontra taghha, billi fl-ewwel lok Bilocca*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-16 ta' Ottubru, 2019 (Att ta' Akkuza numru: 07/2015)

*ma jistax jigi imgieghel jiehu l-pedana tax-xhieda dment li l-kaz tieghu ma jkunx ghadu ghadda in gudikat, u fit-tieni lok ghaliex anke jekk jaghzel li jirrinunzja ghall-jedd tieghu ghas-silenzju u jiddeponi, dik ix-xiehda tkun tiswa ghalih biss u ma tistax titqies bhala xiehda favur jew kontra l-persuna ko-akkuzata.*'

Fl-istess sentenza gie meqjus ukoll li:

'**69**. *Dan premess, huwa minnu illi f'dan l-istadju tal-proceduri il-ko- akkuzat Angelo Bilocca ma jistax jitqies li huwa xhud kompetenti fil- konfront tal-appellanti Priscilla Cassar (fl-ewwel lok ghaliex ma jistax ikun imgieghel jaghti x-xiehda tieghu dment li ghadu jitqies bhala "akkuzat" billi huwa sakrosant id-dritt tieghu ghas-silenzju, u fit-tieni lok ghaliex li kieku kellu jaghzel li jirrinunzja ghal dak id-dritt dak li jghid ikun jista` jiswa ghalih biss bla ma jkun jikkostitwixxi prova la favur u lanqas kontra l- persuna li tkun akkuzata mieghu) madanakollu tibqa` d-diskrezzjoni tal- Avukat Generali kif jaghzel li jixli lil persuni akkuzati b'reat u l-ordni li fih ghandhom isiru dawn il-proceduri. Din il-Qorti ma tistax b'xi mod tirregola jew tissanzjona din is-sitwazzjoni jekk mhux b`talba tal-Avukat Generali stess.*'

Fil-kaz odjern, l-Att ta' Akkuza inharget biss fil-konfront tal-akkuzat Ferdinando Rubino. L-Avukat Generali jindika fis-sottomissjonijiet orali tieghu quddiem din il-Qorti li hekk kif Alfio Strano jirritorna lura Malta, huwa ukoll tinhariglu Att ta' Akkuza fil-konfront tieghu sabiex dan il-guri jinstema flimkien u cioe' li l-akkuzat Ferdinando Rubino u Alfio Strano ikunu ko-akkuzati u dan *ai termini* ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 595 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

'*Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 591 u 593, jekk żewġ atti ta' akkuża jew iżjed jiġu ippreżentati fl-istess żmien jew fi żminijiet diversi, il-qorti tista', fuq talba tal-Avukat Ġenerali,tordna li huma jiġu magħqudin biex jiġu iġġudikati flimkien.*'

Izda kif tajjeb issottomettiet id-difiza quddiem din il-Qorti, dak li qieghed jissottometti l-Avukat Generali dwar l-**artikolu 595 tal-Kapiolu 9** tal-Ligijiet ta'

Malta ghadu sal-lum il-gurnata ipotetiku u dan stante li hadd ma jaf jekk u meta Alfio Strano ser jirritorna lura Malta.

Fil-gurnata prezenti dak li ghandha quddiem din il-Qorti huwa akkuzat wiehed u cioe' l-akkuzat Ferdinando Rubino. Alfio Strano ghalkemm mhux imputat quddiem din il-Qorti huwa xorta wahda meqjus bhala ko-akkuzat u ghalhekk in linea mal-principju tad-dritt tas-silenzju ghandu l-ghazla jekk jixhiedx jew le. Biss' pero' gialdarba Alfio Strano u l-akkuzat Ferdinando Rubino huma akkuzati bl-istess reati, anke jekk Alfio Strano jaghzel li jixhed f'dawn il-proceduri, huwa jkun biss xhud ammissibli wara li l-kaz tieghu jkun ghadda in gudikat.

Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. Pasqualino Deguara ... omissis ... ... omissis ...</u>**'[6]:

'*... Hekk, l-ewwel Qorti qieset li ma setgħetx tqis ix-xiehda li taw Christianne Cardona u Charmaine Galea peress illi meta xehdu kien għad hemm pendenti kontra tagħhom proċeduri dwar l-istess każ. F'dar-rigward fil-fatt din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal f'digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Ian Farrugia*** *dwar talba li saret biex jixhed ċertu Carmel Attard:*

> ***"L-Avukat Generali ... qed jeccepixxi l-inammissibilita` f'dana l-istadju ta' Carmel Attard, u cioe` sakemm il-kaz tal-imsemmi Attard ma jkunx gie definittivament deciz billi jghaddi in gudikat. L-Avukat Generali fuq dan il-punt ghandu ragun. Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-***

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Mejju, 2017 (Appell numru: 317/12 DS)

***persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm 'ko-akkuzati' fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali,***

***" '...[la] quale disposizione non pone alcuna distinzione circa il grado in cui il teste fosse stato imputato, se, cioe`, come autore o coautore del delitto o come complice, essendo solo importante per i fini della ammissibilita` della sua deposizione che egli, non avendo a temere alcuna azione criminale per quanto va a deporre, non abbia l'interesse di scagionarsi e di incriminare altri' (R. v. Carmelo Cutajar ed altri, 18/1/1927, Kollezz Deciz XXVI iv 758, 760).***
***(...) '***

Fid-digriet fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta v. omissis Ian Farrugia'**[7] gie meqjus li:

*'L-Avukat Generali mhux jopponi li jingiebu bhala xhieda in difesa Nicholas Jensen Testaferrata, Francis Tabone, Maria Mizzi, Janet Grima u Suor Doreen Cuschieri; izda hu qed jeccepixxi l-inammissibilita' f'dana l-istadju ta' Carmel Attard, u cioe' sakemm il-kaz tal-imsemmi Attard ma jkunx gie definittivament deciz billi jghaddi in gudikat. L-Avukat Generali fuq dan il-punt ghandu ragun. Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definitivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor -- b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati fil-veru sens tal-kelma - - u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali (...)'*

[7] Digriet datat it-22 ta' Dicembru, 1998 moghti mill-Qorti Kriminali.

Fl-istess digriet gie meqjus li:

'*Ghalhekk mhix kwistjoni, kif donnu qed jippretendi l-akkuzat odjern, li Carmel Attard ghandu xi ghazla li jixhed jew ma jixhedx ghax jista' jinkrimina ruhhu. Carmel Attard, li kien akkuzat bhala ko-awtur* <u>*bl-istess reat*</u> *li bih l-akkuzat odjern jinsab akkuzat,* <u>*ma hux kompetenti li jixhed*</u> *(sia bhala xhud tal-prosekuzzjoni sia bhala xhud tad-difiza)* <u>*qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat*</u>*. Sa ma jintlahaq dak l-istadju, Carmel Attard hu inammissibbli bhala xhud indipendentement minn jekk huwa stess iridx jixhed; wara li l-kaz tieghu jghaddi in gudikat, hu jsir ammissibbli bhala xhud u jkollu jixhed anke jekk ma jridx. Anqas ma hu relevanti l-fatt imsemmi mill-abbili avukat Dott. Angelo Farrugia li kien hemm is-separazzjoni tal-gudizzju ordnata minn din il-Qorti ghax minkejja dik is-separazzjoni Carmel Attard jibqa' akkuzat (bhala ko-awtur)* <u>*ta' l-istess reat*</u> *li bih jinsab akkuzat Ian Farrugia fis-sens tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 636. Fil-verita', il-fatt li llum hemm separazzjoni tal-gudizzju -- u l-esistenza o meno ta' tali separazzjoni hi primarjament decizzjoni tal-Avukat Generali (Art. 591, 594 u 595, Kap. 9) -- hi ta' ghajnuna ghall-akkuzat odjern ghax ifisser li meta l-kaz ta' Attard jghaddi in gudikat, Attard ikun jista' jigi prodott bhala xhud in difesa ta' Farrugia, mentri kieku ghadhom ko-akkuzati fl-istess process dan ma kien ikun qatt possibbli. Jekk sal-gurnata li ghaliha jinsab appuntat il-guri ta' Farrugia il-kaz ta' Attard ma jkunx ghadu ghadda in gudikat, u Farrugia jkun ghadu jinsisti li jixhed Attard, l-imsemmi Farrugia ghandu rimedju ovvju.*'

Il-Qorti f'dak id-digriet ghalhekk provdiet dwar it-talba ghall-produzzjoni bhala xhud in difesa ta' Carmel Attard billi ammettiet lill-istess Attard biss fil-kaz li meta jissejjah biex jixhed il-kaz tieghu (cioe' ta' Attard) ikun gie definittivament deciz billi jkun ghadda in gudikat jew b'mod iehor kif previst mill-ligi.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li stante li Alfio Strano huwa akkuzat bl-istess reati, f'dan l-istadju Alfio Strano mhuwiex xhud inammissibli, izda dan ma jfissirx li f'li stadju tal-provi tad-difiza huwa sejjer ikun ghadu xhud inammissibli izda l-Qorti tkun tista' tammettih bhala xhud biss jekk il-kaz tieghu ikun gie definittivament deciz. Ghalhekk ghalkemm akkuzati jibqghu meqjusin bhala innocenti sakemm jinstabu hatja, stante li l-akkuzat Ferdinando Rubino u Alfio Strano kienu tressqu akkuzati

bl-istess reati, huma meqjusa bhala ko-akkuzati anke jekk illum il-gurnata hemm is-separazzjoni tal-gudizzju u l-Att ta' Akkuza harget biss fil-konfront tal-akkuzat Ferdinando Rubino.

In oltre' kif inghad, mhijiex kwistjoni ta' jekk ix-xhud jiddeciediex li jixhed jew le izda kwistjoni dwar jekk huwiex xhud ammissibli, li kif inghad Alfio Strano isir xhud ammissibli biss wara li l-proceduri kontra tieghu jghaddu in gudikat jew ikun deciz finalment kif previst mill-ligi. F'kaz li Alfio Strano jibqa' ma jixhidx f'dawn il-proceduri, kwalunke referenza fl-atti ghal dak li Alfio Strano stqarr matul l-investigazzjoni u ghalhekk inkluz l-istqarrija tieghu ikunu provi inammissibli u ghalhekk ma jistghux jigu a konjizzjoni tal-gurati u jkollhom jigu sfilzata mill-atti.

Ghalhekk f'dan l-istadju din il-Qorti mhijiex sejra tordna li Alfio Strano jitnehha mill-lista tax-xhieda tal-akkuzat anke jekk f'dan l-istadju mhuwiex xhud ammissibli izda tqis li <u>tista' tammettih bhala xhud biss jekk il-kaz tieghu ikun gie definittivament deciz</u>. Ghalhekk ikun fi stadju ta' provi ta' difiza u jekk l-akkuzat jitlob li jittella bhala xhud Alfio Strano, li din il-Qorti tqis jekk f'dak l-istadju Alfio Strano ikunx xhud ammissibli.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet preliminari imressqa mill-akkuzat Ferdinando Rubino u fir-rigward tal-eccezzjoni imressqa mill-Avukat Generali dwar l-inammissibilita' tax-xhud Alfio Strano, tiddikjara li filwaqt li f'dan l-istadju Alfio Strano mhuwiex xhud ammissibli, mhijiex qieghda tordna li isem dan ix-xhud jitnehha mill-lista tax-xhieda tad-difiza izda tiddikjara li tammetti lil Alfio Strano bhala xhud biss fil-kaz li meta jissejjah biex jixhed il-kaz kontra Alfio Strano ikun gie definittivament deciz billi jkun ghadda in gudikat jew b'mod iehor kif previst mill-ligi.

F'kaz li Alfio Strano jibqa' ma jittellax biex jixhed, kwalunkwe referenza ghal dak li Alfio Strano stqarr inkluz l-istqarrija rilaxxata minnu fl- 1 ta' Mejju 2014 bil-lingwa Taljana u li tinsab a fol 53 et sequitur u traduzzjoni taghha bil-Malti li tinsab a fol 526

*et sequitur* ma jkunux provi ammissibli, ma jistghux jintwerew lil gurati u ghalhekk jigu sfilzati mill-atti.

Din il-Qorti tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza.